# IŻ-ŻEBBUĠ FI ŻMIEN IL-GWERRA

Charles Bezzina

Iż-żmien jgħaddi, jeqred u jtemm. Ħafna ġrajjiet tal-imgħoddi huma litanija twila ta' avvenimenti li ġraw tul is-sekli. Ħafna stejjer tal-imgħoddi ntilfu mal-medda taż-żminijiet, filwaqt li oħrajn iddaħħlu f'kotba kbar biex jibqgħu tifkira dejjiema. Bħal ħoloq f'katina tissawwar l-istorja u bħal ġebla fuq oħra jinbena l-ħajt tal-ġrajjiet imkaħħal bl-istejjer sbieħ jew koroh, ta' ferħ jew ta' dieq, li minnhom għaddew missirijietna. B'hekk jinkiteb il-ktieb ta' artna, ktieb li bħala maħżen t'għarfien, jgħaddi l-fatti tal-bieraħ b'ċerta elokwenza, biex min jaqra jkun jaf, jitgħallem u jsir jaf minn xiex għaddiet il-ġenerazzjoni ta' qabel. B'hekk xi ġrajjiet tal-imgħoddi baqgħu miftakra, mgħollija għall-ġieħ fuq l-altar tal-patrija tagħna u mżejna b'kuruna ta' rand li ma tinxef qatt.

Imma llum ħsiebi se jmur lejn ġrajja waħda kiebja, ġrajja kbira ta' qerda u mewt, ta' hemm u ta' sagrifiċċju, ta' ġuħ u ta' tbatija. Hija ġrajja li seħħet mhux tant 'il bogħod u li għall-grazzja t'Alla għadhom jiftakruha għadd ta' anzjani. Dawn ilkoll għandhom xi esperjenza x'jirrakkuntaw dwar il-gwerra, dwar il-kerfju, dwar il-blekawt, il-blekmarkit, dwar ir-razzjon u dwar l-għaks li ħakimhom. Illum ħsiebi jmur lura u nhewden kemm fiż-żmien ikrah tal-gwerra l-Għawdxin għarfu jissagrifikaw ruħhom, biex pajjiżna jkun ħieles u biex il-ġenerazzjoni tal-ġejjieni tkun libera mill-jasar tan-Nażiżmu u biex is-sisien tad-demokrazija ma jiġġarrfux taħt it-toqol tal-egoiżmu u d-dittatura.

Iż-Żebbuġ fi żmien il-gwerra ma nħakimx direttament mill-bombi tal-għadu. Kontra l-Għarb u San Lawrenz, irħula viċin, li ntlaqtu mill-qilla tal-għadu, iż-Żebbuġ ħelisha ħafif fi żmien it-tieni gwerra u ebda dar ma waqgħet mill-bombi u lanqas nies ma ntradmu. Biss iż-Żebbuġ kellu l-vittmi tiegħu wkoll u barra dan twaddbu diversi bombi madwaru. Wieħed irid jiftakar li l-Għolja ta' Ġordan, fejn kien hemm stakkament tal-RAF u Unit tar-Royal Navy, ġieli kienet il-mira tal-għadu u b'hekk viċin iż-Żebbuġ ġieli twaddbu diversi bombi li kollha, għall-grazzja ta' Alla, ġew fil-ħamrija. Iżda ta' min isemmi li darba t-Triq taż-Żebbuġ li tagħti għar-Rabat, ingħalqet minħabba bomba li ġiet fil-ġenb tal-għolja ta' Kuljat, in-naħa taż-Żebbuġ. Il-bomba għamlet ħofra fonda u minħabba t-terrapien enormi li kkawżat, ħadd ma seta' jgħaddi.

Fil-bidu tal-gwerra Għawdex ma kellux sireni u kellu jasal Jannar 1941, biex ir-Rabat u l-Għarb kellhom waħda. Sa dakinhar is-sinjal ta' ħbit kien jingħata bil-murtali, filwaqt li l-*All Clear* kien jingħata bid-daqq tal-qniepen tal-knejjes. Iż-Żebbuġ ma kienx differenti u s-sirena mal-Għassa tal-Pulizija, iż-Żebbuġ, inġabet biss fi Frar 1942, meta l-gwerra kienet ilha sejra mhux ħażin. Iżda ġara li din is-sirena tħassret għal xi żmien, tant li fl-aħħar ta' Mejju 1942, kien sar arranġament biex kull xħin jibda u jispiċċa ħbit mill-ajru, il-pulizija tar-raħal imur jgħarraf lill-Kap ta' l-Iskola, li kienet fi Triq ir-Ras. Dan beda jsir għax is-sirena li kien hemm fir-raħal kienet bil-ħsara u l-ħoss tas-sfafar mill-pulizija ma kienx qiegħed jinstema' xħin jibda l-attakk biex it-tfal jittieħdu fix-xeltrijiet.[1] U la qiegħed insemmi l-iskola tajjeb ngħid li sa mit-18 ta' Ġunju, 1940, fl-Iskola tal-Gvern tal-Bniet fiż-Żebbuġ, f'numru 66, Triq ir-Ras, bdew isiru tħejjijiet biex jilqgħu xi refuġjati Maltin. Bejn il-21 ta' Lulju, 1940 u d-9 ta' Settembru, 1940, kien hemm fl-iskola seba' refuġjati Maltin; erba' adulti u tlett itfal. L-iskola tal-Bniet u tal-*Infants* ittieħdet mill-militar Ingliż, fit-22 ta' Marzu, 1941, iżda dawn ħallew l-iskola ftit jiem wara fis-7 t'April, 1941. Minkejja li l-iskola kellha tingħata mill-ġdid mill-militar fil-31 ta' Lulju, 1941, l-iskola ittieħdet minnhom fit-12 t'Awwissu, 1941, u għalkemm il-militar reġa' ħalla l-iskola fil-5 ta' Diċembru, 1941, huwa żamm iċ-ċwievet sa Settembru, 1943. Minħabba l-preżenza tal-militar fl-iskola tagħhom, it-tfal bniet kienu jmorru jitgħallmu fl-Iskola tas-Subien, fl-istess triq. Fl-1942 kienu bosta drabi ċ-ċirkustanzi, bħal per eżempju, fit-2 ta' Ġunju, fid-9 ta' Ġunju, fit-12 ta' Ġunju u fit-12 t'Ottubru, li t-tfal ittieħdu fix-xeltrijiet minħabba l-attakki mill-ajru.

Iż-Żebbuġ kien hemm Uffiċċju tal-Propaganda li nfetaħ il-Ħadd l-4 t'April, 1943. Kien fetħu l-Kummissarju George Ransley flimkien ma' Ġorġ Pisani u tbierek mill-Kappillan taż-Żebbuġ, Dun Franġisk Mercieca. L-għan ewlieni ta' dan l-Uffiċċju kien li jipprovdi informazzjoni dwar il-progress tal-gwerra. Diversi nies miż-Żebbuġ setgħu jidħlu u jaqraw bullettini, gazzetti u tagħrif ieħor li kien jibgħat Ġorġ Pisani mill-Uffiċċju tiegħu, ir-Rabat, u li b'mod jew ieħor kien se jqawwilhom il-moral. Dan kien infetaħ qrib il-Knisja Parrokkjali u nfetaħ b'pompa liema bħalha. Naturalment, iż-Żebbuġ kien hemm ukoll diversi xeltrijiet, fosthom dawk ta' Triq Żaki, Triq ir-Ras, Triq il-Knisja, Triq t'Abram, Triq Mulino u Triq Għajn Mhelhel. L-ispiża tagħhom kienet telgħet għal 4990 lira sterlina. Dawn ix-xeltrijiet tħaffru kważi kollha minn l-aħħar sitt xhur tal-1941, sal-ewwel ftit xhur tal-1942. Ħafna nies kienu jagħmlu użu minnhom – speċjalment fl-1942, meta l-attakki kienu qliel u spissi u meta s-sikkina kienet laħqet l-għadma. Fix-xeltrijiet kien isir ħafna talb lill-Madonna, speċjalment rużarji fil-ħin tal-ħbit. Waħda mit-talbiet li kienu jgħidu ż-Żebbuġin kienet tgħid:

O Marija, Omm il-Ħniena,
Ieqaf magħna f'dan il-ħin,
Biegħed minna kull periklu,
Reġġa' s-sliem bejn il-bnedmin.

Fi żmien il-gwerra kien hawn ħafna għaks. Ikel ma kienx hawn u dawk li ma kellhomx biċċa ħamrija, batew ħafna. Iż-Żebbuġ kien hemm ħafna min kellu dik il-biċċa raba' u xi bdiewa mhux l-ewwel darba li biegħu xi prodotti tar-raba' tagħhom bi flus sewwa u parrtu ma' deheb, servizzi u l-bqija bil-blekmarkit, li kien pjaga tal-gwerra. F'nofs l-1942, Malta kienet se ċċedi u b'hekk bdiet il-kampanja għall-ġabra tal-qamħ. Kemm l-Għaqda Nazzjonali tal-Bdiewa u kemm Ġorġ Pisani, bħala Assistent Uffiċjal tal-Informazzjoni, għamlu ħafna *meetings* fl-irħula t'Għawdex biex jiġbru l-qamħ għall-gvern ħalli dan ikun jista' jitħnu dqiq, jagħmlu ħobż u jqassmu lil kulħadd bil-qies u b'hekk Malta tkun tista' tkampa xi ftit aktar qabel ma ċċedi. Is-sitwazzjoni kienet imwiegħra u kulħadd beda jibża' għall-ftit qamħ li kellu. Darba minnhom sar *meeting* iż-Żebbuġ minn Ġorġ Pisani. Miegħu kellu lill-Kummissarju għal Għawdex George Ransley. Kien il-Ħadd, 19 ta' Lulju, 1942. Kemm Ġorġ Pisani u kemm George Ransley meta ppruvaw sabiex jibdew il-*meeting* wara l-quddiesa, il-folla ma resqitx biex tisma'. Pulizija li kien fuq xogħol ta parir lil Ġorġ Pisani li aħjar imorru lura minn fejn ġew, għax in-nies kienet imgħaddba. Meta Pisani ra dan, daħal fil-knisja u sab lill-Kappillan Dun Franġisk Mercieca..Pisani talbu sabiex jgħid lin-nies tersaq u tisma' dak li kellu x'jgħidilhom. Meta Pisani ra li n-nies baqgħet lura xorta waħda, mar hu biex ikellem in-nies. Huwa kien jaf kif taħdem il-psikoloġija tal-Għawdxin u malli fetaħ fommu, qalilhom: *Aħna ġejna hawn sabiex inkellmukom, sabiex naraw intom x'għandkom bżonn.* Meta n-nies semgħu kliem bħal dan ħadu r-ruħ, u kienu ħafna dawk il-bdiewa u raħħala li lmentaw li huma neqsin minn diversi affarijiet. Qalulu fost ħwejjeġ oħra li tal-pitrolju ilu ma jidher fir-raħal żmien u li la għandhom sapun tal-ħwejjeġ u lanqas affarijiet oħra. Fi ftit kliem urewh li r-razzjon fir-raħal tagħhom mar il-baħar. Il-kelliema ħadu nota ta' dawk il-bżonnijiet u għal dak in-nhar il-*meeting* spiċċa hekk. Fil-jiem ta' wara, il-Kummissarju ħaseb u bagħat lill-bdiewa taż-Żebbuġ dak li talbuh u permezz t'hekk ġibed is-simpatija tagħhom. Meta l-Ħadd ta' wara, 26 ta' Lulju, Pisani u Ransley reġgħu telgħu ż-Żebbuġ, din id-darba biex jilħqu l-għan tagħhom, iż-Żebbuġin mhux biss resqu biex jisimgħu dak li kellhom xi jgħidu l-kelliema, imma saħansitra fehmu u qablu mal-kelliema biex huma wkoll jagħtu l-qamħ tagħhom lill-gvern, kif fil-fatt għamlu bi ħġarhom.[2] Kien episodju ta' sodisfazzjon kbir għal kulħadd u li fl-aħħar mill-aħħar kien għall-ġid komuni biex Malta u Għawdex ikomplu jirreżistu u l-bandiera bajda ma tperper qatt fuq il-bjut tagħna. Il-kampanja għall-ġabra tal-qamħ kompliet sejra tul Awwissu 1942 u wara wkoll. *Meetings* ta' dan it-tip ġew organizzati f'irħula oħra t'Għawdex. Għalhekk sal-aħħar t'Awwissu, il-bdiewa Għawdxin kienu diġà taw ammont ġmielu. Iż-Żebbuġin biegħu parti kbira mill-qamħ li kellhom lill-gvern, iżda ħasbu għal rashom ukoll. Għalkemm kien kontra l-liġi li titħan qamħ privatament, bosta Żebbuġin kienu jmorru għand Ġanna Ċini (Ta' Waddaba), fi Triq il-Ponta, biex klandestinament u bil-lejl, bil-moħbi, jitħnu l-qamħ għandha. Oħrajn kienu jmorru fi Triq il-Fgura, l-Għarb, għand ċertu Mikiel Portelli, li kellu mitħna qadima u kien jaħdem klandestinament bil-lejl. Għal min kien lampa stampa u ma kellux għaxja ta' lejla, kien imur jara kif jixtri xi ħaġa bil-blekmarket. Il-*Victory Kitchen* taż-Żebbuġ, li kienet f'Nru 45, Triq iċ-Ċiċri, u li nfetħet fis-Sajf 1942, ma tantx kienet popolari, għax tista' tgħid li l-ikel li kienu jqassmu minnha, kien ħażin u ftit ħafna. Naturalment, f'ċirkustanzi ta' għaks kbir, kien hemm diversi nies miż-Żebbuġ miktuba fiha.



Iż-Żebbuġ darba wkoll waqa' ajruplan tal-għadu. It-Tnejn, is-27 ta' Lulju 1942, ħabta tad-9.15 ta' filgħodu, ajruplan Macchi 202 tat-tielet serje MM 7842, immexxi mis-Surġent Faliero Gelli, li kien Taljan, twaqqa' f'Għawdex mis-Surġent George Beurling, pilota Kanadiż tal-249 skwadra tal-ġlied mill-ajrudrom Ta' Qali.[3] L-ajruplan ikkraxxja fl-għalqa "Ta' l-Abbatija" qrib l-Għolja ta' Kuljat u taħt iż-Żebbuġ. Il-għalqa kienet ta' Pupull Ċini (Ta' Xabla) ta' madwar 53 sena mill-istess raħal. Fejn waqa' l-ajruplan kien hemm żewġ merħliet b'raġel u tifel magħhom. Il-pilota baqa' dieħel fil-ħajt tas-sejjieħ u spiċċa billi ħabat ma' siġra. Il-Taljan ħabat sidru mal-istering u ttieħed l-Għassa tal-Pulizija taż-Żebbuġ minn Dun Ġużepp Camilleri (Ta' Sarogu), qassis miż-Żebbuġ. Wara ddaħħal l-Isptar Victoria, imbagħad wara ġie eskortat mill-pulizija Malta bħala priġunier tal-gwerra. L-ajruplan ġie eżaminat u aktar tard inbigħ minn Pupull Ċini lin-nannu tiegħi Ninu Bezzina, bi prezz ta' disa' liri biex jieħu l-landa tiegħu, li dakinhar kienet skarsa. Dan peress li n-nannu tiegħi kien landier. Missieri, Frank Bezzina (1925-96), studjuż tal-gwerra, jgħid li Pupull Ċini kien tah miegħu ħobża tal-maħlut. In-nannu tiegħi żarma l-ajruplan u ħa l-partijiet essenzjali fil-ħanut li huwa kellu fi Pjazza Savina. Minnu għażel xi partijiet oħra li setgħu jinbiegħu, bħalma huma r-roti, il-magna u l-bqija. B'kollox ġabar madwar 14-il lira tiegħu, li minnhom missieri għamel libsa ġdida għalih.[4] Id-dar tagħna sal-lum għad għandna l-Magnito u d-Dinamo ta' dan l-ajruplan.

Nispiċċa fl-aħħar billi ntenni li ż-Żebbuġ kellu l-vittmi tiegħu wkoll. Dawn huma:

**Bonello Toni** (Ta' Bonello), *Pte. 10th Bn. KOMR 5111*, ta' 26 sena, bin Fortunato u Katerina Galea, li kien joqgħod f'Nru 27, Triq Ċiċri. Huwa miet Malta fit-18 ta' April, 1942, waqt il-qadi ta' dmirijietu.[5] Jinsab midfun fiċ-ċimiterju militari ta' Pembroke.

**Saliba Anton** (Taż-Żajjieda), *Pte. 10th Bn. KOMR 6902*, ta' 26 sena, bin Ġużepp u Marija Ċini, li kien joqgħod f'Nru 17, Triq Ċiċri. Huwa miet Malta fid-19 ta' April, 1942, waqt il-qadi ta' dmirijietu.[6] Indifen fiċ-ċimiterju militari tal-Pietà.



**Saliba Toni** (L-Abbissin) ta' 41 sena, bin Franġisk u Vinċenza Żammit, żewġ Ġużeppa Gatt, li kien joqgħod f'Nru 42, Triq Sant' Orsla, ir-Rabat. Twieled iż-Żebbuġ fid-9 ta' Mejju, 1901 u miet meta ntlaqat minn tir ta' maxingann sparat minn ajruplan Ġermaniż waqt ħbit qalil li sar filgħaxija fuq Pjazza Savina, ir-Rabat, fis-6 ta' Mejju, 1942, minn żewġ *Messerschmitt 109.* Huwa kien qed jipprova jsalva x-xarabank tiegħu (Nru. 1948) billi jsuqha lejn Triq Santa Marija, taħt il-Knisja ta' Savina, li għall-ħabta tal-5.00 ta' filgħaxija, kienet ipparkjata f'dil-pjazza, tgħabbi n-nies biex titlaq lejn is-Santwarju Ta' Pinu, għax kienet l-Ewwel Erbgħa tal-Madonna. Meta Toni Saliba ra li kien għalxejn, huwa pprova jistkenn fil-knisja ta' Savina, iżda ntlaqat minn tir xħin kien fit-taraġ tal-knisja, li daħal minn dahru u nifed lil sidru. F'dak il-waqt ajruplan minnhom niżel ħesrem jimmaxingannja x-xarabank. Huwa jinsab midfun fiċ-ċimiterju taż-Żebbuġ, fejn twieled.[7] F'dan l-attakk korrew uħud u tfarrak bosta ħġieġ tat-twieqi fid-djar tal-pjazza u tax-xarabank.

**Vella Wiġi** (Ta' Qniepen) ta' 22 sena, bin Ġużepp u Ġużeppa Dimech, li kien joqgħod f'Nru 11, Triq il-Mitħna. Wiġi, l-inġinier tad-dgħajsa *San Pawl* (F458), kien flimkien ma' Anton Grech u Salvu Grech, (it-tnejn mir-Rabat), fuq din id-dgħajsa tas-sajd ftit bogħod minn Marsalforn. Id-dgħajsa ġiet immaxingannjata xi erba' darbiet minn ajruplani tal-għadu. Xi sajjieda ndunaw x'ġara u telqu jagħtu l-ewwel għajnuna u bil-ħila tagħhom, id-dgħajsa nġibdet lejn il-Menqa. F'dan l-attakk tat-3 ta' Marzu, 1942, it-tliet persuni sfaw feruti u meħuda l-Isptar Victoria. Iżda Wiġi Vella safa ferut gravi f'rasu u miet l-isptar l-għada, l-4 ta' Marzu 1942.[8]

1 NAG, *Żebbuġ Mixed School Log Book*. Fil-*Log Book* ara b'mod partikolari d-dati 14.6.1941, 13.8.1941, 9.12.1941, 29.5.1942, u 20.9.1943. Ara wkoll FRANK BEZZINA, *F'Għawdex Fi Żmien il-Gwerra*, Għawdex 1981, 51.
2 Tagħrif mogħti minn Ġorġ Pisani lil Charles Bezzina (16 ta' April 1998). Ġorġ Pisani tenna dan ir-rakkont bl-akbar dettalji.
3 NICOLA MALIZIA, *Inferno su Malta*, Italia 1976. Ara n-nota taħt ir-ritratt ta' l-ajruplan li waqa' fis-27 ta' Lulju 1942. Ara wkoll CHRISTOPHER SHORES - BRIAN CULL - NICOLA MALIZIA, *Malta: The Spitfire Year 1942*, London, 1991, 432-433.
4 FRANK BEZZINA, *Il-Qilla ta' l-Għadu Fuq u Madwar Għawdex*, Għawdex 1977, 60-61. Il-ġrajja dwar kif waqa' l-ajruplan u weġġa' Faliero Gelli hi meħuda minn tagħrif miġbur minn Frank Bezzina mingħand bint Pupul Cini (Nina Portelli) u persuni oħra fl-1977.
5 Arkivju Parrokkjali taż-Żebbuġ, Ktieb tal-Mejtin, Vol II, 175, Nru. 523.
6 Ibid., 175, Nru. 524.
7 PRG, Twelid 1901/284. Ara l-mewt tiegħu rreġistrata fl-ACG, *Liber Mort.*, Vol 7, 83, Nru. 24. Ara wkoll PRG, Mewt, 1942/346; u l-Arkivju Parrokkjali taż-Żebbuġ, Ktieb tal-Mejtin Vol II, 175, Nru. 525.
8 NAG, HI/2/46 (Irġiel), Każ Nru. 78 u PRG, Mewt, 1942/205.

